MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 51/2010

**Joseph Xuereb**

**Vs**

**Rosaria Gauci proprio bhala operatur ta' Sirens Aquatic Bar and Restaurant**

## Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Joseph Xuereb fid-19 ta' Frar 2010 permezz ta' liema jitlob li Rosaria Gauci f'isimha proprio bhala operatur ta' Sirens Aquatic Bar and Restaurant tigi kkundannata thallsu s-somma ta' erbat elef disa' mija erbgha u tletin Euro u disgha u tletin centezmu (€4,934.39) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' haxix u oggetti ohra ta' l-ikel ikkonsenjati lilha fuq ordnijiet taghha stess, liema ammont baqa' ma thallasx minnha nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra Rosaria Gauci;

Rat ir-Risposta ta' Rosaria Gauci permezz ta' liema teccepixxi li: (i) it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li l-ammont reklamat mhux dovut minnha izda minn certu John Cameron u Dr. Josette Grech, li ghandhom jigu kkjamati in kawza; u (ii) l-attur ghandu jipprova l-kontijiet kollha li jikkostitwixxu l-ammont intier minnu pretiz;

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-konvenuta fis-6 ta' Dicembru 2010 permezz ta' liema talbet il-kjamata in kawza ta' l-Avukat Dottor Josette Grech u rat id-Digriet tal-15 ta' Frar 2011 li bih din it-talba giet michuda stante li ma tirrizultax raguni valida ghall-imsemmija kjamata in kawza[1];

Rat Rikors iehor ipprezentat mill-konvenuta fis-6 ta' Dicembru 2010 permezz ta' liema talbet il-kjamata in kawza ta' John Cameron u rat id-Digriet tal-15 ta' Frar 2011 li bih milqugha t-talba ghall-kjamata in kawza ta' John Cameron[2];

Rat li b'Digriet datat 17 ta' April 2012[3] gie revokat *contrario imperio* id-Digriet li bih giet awtorizzata l-kjamata in kawza ta' John Cameron u dana stante li wara diversi differimenti ghan-notifika ta' l-imsemmi John Cameron dana baqa' ma giex notifikat;

Rat l-affidavit ta' l-attur markat Dok. "JX" a fol.65 tal-process u rat id-dokumenti annessi ma' l-istess affidavit markati Dok. "JX1" sa' Dok. "JX4" a fol. 66 sa' 109 tal-process;

Rat li b'Digriet moghti fl-4 ta' Frar 2013[4] l-istadju tal-provi tal-konvenuta – li baqghet ma ressqet ebda prova in sostenn ta' l-eccezzjonijiet taghha – gie dikjarat maghluq;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

---

1 Fol. 16 tal-process.
2 Fol. 18 tal-process.
3 Fol. 62 tal-process.
4 Fol. 112 tal-process.

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuta f'isimha proprio bhala operatur ta' Sirens Aquatic Bar and Restaurant tigi kkundannata thallsu s-somma ta' €4,934.39 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' haxix u oggetti ohra ta' l-ilkel ikkonsenjati lilha fuq ordinijiet taghha stess, liema ammont baqa' ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas. Il-konvenuta tilqa' ghat-talba ta' l-attur bl-eccezzjoni li l-ammont minnu pretiz ma huwiex dovut minnha izda huwa dovut minn certu John Cameron u Dr. Josette Grech, li ghandhom jigu kjamati in kawza, u fi kwalunkwe kaz tikkontendi li l-attur ghandu jipprova l-kontijiet kollha li jikkostitwixxu l-ammont intier minnu pretiz.

In sostenn tat-talba tieghu kif dedotta u diretta fil-konfront tal-konvenuta l-attur ipprezenta prospett dettaljat ta' l-ammonti minnu pretizi u li komplessivament jammontaw ghal €4,934.39[5], flimkien mal-fatturi relattivi ghall-kull wahda mill-konsenji hemm indikati[6]. Fl-affidavit tieghu[7] l-attur iddikjara li *Gauci kellha n-nies jahdmu maghha u generalment dawn kienu jiffirmawli ghal kull konsenja li kont naghmel. Qatt ma kien hemm ilmenti minn naha ta' Gauci jew ta' xi haddiehor dwar il-kwalità tal-prodotti li kont nissuplixxi anzi nghid li Gauci kienet kuntenta bil-prodotti tieghi. Sa fejn naf jien qabel ma saret din il-kawza l-konteggi u l-ammont li qed nitlob bhala hlas qatt ma gew ikkontestati. B'referenza ghal dak li ntqal mill-konvenuta Gauci illi l-ammont li qed nitlob huwa dovut minn certu John Cameron u l-avukatessa Dr. Josette Grech nghid illi lil Dr. Grech nafha biss fil-kapacità taghha ta' avukat u qatt ma inghatajt ordnijiet ta' xoghol u lanqas ircevejt hlasijiet minn ghandha. Fir-rigward ta' John Cameron naf li dan ghamel xi zmien jahdem ma' Rosaria Gauci u fil-fatt niftakar li kien jahdem fil-kcina tar-restaurant tas-Sirens li kien gestit minn Gauci kif diga spjegajt. Illi fil-fatt ghar-rigward tal-haxix u groceries li issuplixxejt sal-bidu ta' Lulju 2009 jiena thallast minn Rosaria Gauci li nafna wkoll bhala Lucy Gauci. Qed nesebixxi kopja ta' zewg ircevuti*

---

5 Dok. "JX1" a fol. 66 u 67 tal-process.
6 Dok. "JX2" a fol. 68 sa' 102 tal-process.
7 Dok. "JX" a fol. 65 tal-process.

*mahrugin minni ghall-hlasijiet li saruli minn l-istess Gauci f'Awwissu u Settembru 2009 u li kienu ikopru l-bilanc li kien dovut lili sa' nofs Gunju u nofs Lulju rispettivament ta' l-istess sena. Dawn qed jigu mmarkati Dok. "JX3" u Dok. "JX4". Illi ghalhekk nikkonferma illi l-ammont ta' €4,934.39 li qed nitlob fir-rikors tieghi huwa dovut lili mill-konvenuta Rosaria Gauci, bl-imghaxijiet kummercjali u li sa' llum minn dan l-ammont ghadu ma thallas xejn*.

Dak affermat mill-attur u dak li jirrizulta mid-dokumenti minnu esebiti ma gie bl-ebda mod kontradett mill-konvenuta li ma ressqet ebda forma ta' prova f'dawn il-proceduri. Apparte l-fatt li l-konvenuta ma ressqet ebda prova f'dan il-kaz, hija naqset ukoll milli ssostni l-pretensjoni taghha li l-ammont pretiz mill-attur in verità huwa dovut minn John Cameron. In effetti b'Digriet moghti fis-17 ta' April 2012[8] il-Qorti rrevokat *contrario imperio* id-Digriet tal-15 ta' Frar 2011 li bih awtorizzat il-kjamata in kawza ta' John Cameron, peress illi sad-data ta' tali Digriet huwa kien ghadu ma giex notifikat bir-Rikors promotur.

Ghal kull buon fini jigi osservat li in segwitu ghad-Digriet tas-17 ta' April 2012 dik il-parti ta' l-okkju tal-proceduri fuq ir-Rikors promotur li taqra "u b'Digriet tal-15 ta' Frar 2011 gie kjamat in kawza John Cameron" kellha tigi kkancellata. Peress illi s'issa jidher li dan ghadu ma sarx il-Qorti tordna l-kancellament ta' din il-parti ta' l-okkju tal-proceduri.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex tqis dak affermat mill-attur bhala veritier.

L-attur mhux biss ipprezenta prospett ta' l-ammonti dovuti, li komplessivament jammontaw ghal €4,934.39, li ma giex kontestat mill-konvenuta, izda flimkien ma' l-istess prospett esebixxa l-fatturi kollha relattivi. Apparte minhekk ir-ricevuti esebiti bhala Dok. "JX3" u Dok. "JX4" juru bic-car li r-relazzjoni kummercjali kienet bejn l-attur u l-

---

[8] Fol. 62 tal-process.

konvenuta u mhux xi persuna ohra u ma jirrizultax li din ir-relazzjoni jew ahjar il-partijiet involuti f'din ir-relazzjoni kummercjali inbidlu b'xi mod.

Ghaldaqstant, l-attur irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li huwa dovut lilu l-ammont ta' €4,934.39 rapprezentanti l-valur ta' haxix u oggetti ohra ta' l-ikel minnu forniti lil Sirens Aquatic Bar and Restaurant, u li tali ammont huwa lilu dovut mill-konvenuta proprio.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Fl-ewwel lok tordna li l-kliem "u b'Digriet tal-15 ta' Frar 2011 gie kjamat in kawza John Cameron" li jidhru fl-okkju tal-proceduri fuq ir-Rikors promotur jigu ikkancellati, u

2. Filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €4,934.39, bl-imghax legali dekoribbli mit-22 ta' Settembru 2009, id-data ta' l-ahhar pagament effettwat mill-konvenuta, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------